MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Numru. 1172/2010

Il-Pulizija
(Sp Robert Vella)
vs
Marco Guazzo, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Frar, 1982, Karta ta’ l-Identita numru 99282(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f’dawn il-Gżejjer, fis-7 ta’ Jannar, 2009. għal ħabta tal-10.40hours, biex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;
2. talli fl-istess data ġewwa dawn il-Gżejjer, ħalef il-falz quddiem maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li kellu s-setgħa b’liġi li jagħti dan il-ġurament;
3. talli f’dawn il-Gżejjer, fid-data u ċirkostanzi, xjentement għamel xi dikjarazzjoni falza, jew ta tagħrif

falz, jew ipproduċja xi dokument falz, għal xi wieħed mill-għanijiet talk-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Frar, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 108 u 188 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 14 tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta’ Malta.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tiliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------